Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 730/2013

**Joint Stock Company "Rietumu Banka",**
**bank esteru registrat gewwa l-Latvia,**
**rapprezentat lokalment mill-mandatarju specjali tieghu**
**Avukat Dottor Paul Micallef Grimaud, kif debitament awtorizzat**

**vs**

**Il-Bastiment M.V. BLANKENESE, IMO Numru 8412390, registrat Malta, b'call sign 9HUF6 u tunnellagg gross ta' 2882,**
**fil-proprjeta ta' Blankenese Shipping Limited, socjeta registrata fl-indirizz ta' 18/2, South Street, Valletta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti tat-30 ta' Lulju 2013 li jghid hekk:
1. Illi l-Bank rikorrenti huwa kreditur tal-bastiment intimat fl-ammont ta' miljun, mija u tmienja u ghoxrin elf u sebgha u sebghin ewro u sebgha u sittin centezmi (Euro 1,128,077.67), salv imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital, penali u spejjez mill-20 ta' Gunju 2013 sal-pagament effettiv;

2. Illi dan il-kreditu huwa kawtelat b'ipoteka navali, ossia mortgage (Mortgage "B") fuq il-bastiment intimat favur il-Bank rikorrenti datat 23 ta' Gunju 2006 u li hija ufficjalment registrata fir-registru tal-bastiment intimat hawn Malta, maghmula in segwitu u in konnessjoni ma' kuntratt ta' self bejn il-Bank rikorrenti u s-socjeta Blankenese Shipping Limited tat-12 ta' Gunju 2006, u kif ukoll ma' Deed of Covenants tat-22 ta' Gunju 2006;

3. Illi s-socjeta debitrici, Blankenese Shipping Limited naqset li thallas il-pagamenti kollha dovuti kif obbligata taghmel u ma osservatx il-kondizzjonijiet u l-pattijiet kollha assunti taht il-fuq imsemmija kuntratti u ghalhekk kien jezisti "default" taht l-istess kuntratt ta' self u Deed of Covenants;

4. Illi b'ittra ossia Notice of Default tal-10 ta' Jannar 2013, is-sidien tal-bastiment intimat gew notifikati li kien hemm "Default" taht il-fuq imsemmija kuntratti billi kienu inadempjenti u l-istess sidien nghataw zmien sabiex ihallsu l-ammont dovut lill-Bank rikorrenti;

5. Illi minkejja din in-Notice of Default is-socjeta Blankenese Shipping Limited baqghet ma hallsitx l-ammonti dovuti u ma sewwietx id-default il-bank mittent ta Notice of Acceleration lill-istess socjeta debitrici fit-23 ta' Mejju 2013;

6. Illi billi dan l-ammont baqa' dovut il-Bank esponent ipproceda billi kkawtela l-kreditu tieghu bil-hrug ta' Mandat ta' Arrest ta' Bcejjec tal-Bahar numru 961/2013 kontra l-bastiment intimat. Il-mandat kawtelatorju kien gie

sussegwentement rez wiehed ezekuttiv permezz ta' nota li giet prezentata fil-15 ta' Lulju 2013 ai termini tal-artikolu 838B tal-Kap. 12 u li bhala konsegwenza il-bastiment intimat jinsab maqbud taht il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti;

7. Illi b'ittra ufficjali li giet prezentata fit-8 ta' Lulju 2013, notifikata fid-9 ta' Lulju 2013, il-Bank esponent interpella lill-bastiment intimat sabiex ihallas l-ammont dovut hawn fuq imsemmi ta' miljun, mija u tmienja u ghoxrin elf u sebgha u sebghin ewro u sebgha u sittin centezmi (Euro 1,128,077.67), salv imghaxijiet ulterjuri fuq il-kapital, penali u spejjez mill-20 ta' Gunju 2013 sal-pagament effettiv, izda sallum ma sar l-ebda pagament;

8. Illi skond il-ligi u permezz tal-ittra ufficjali hawn fuq indikata, l-ipoteka navali ossja il-mortgage li giet iskritta fir-registru tal-bastiment intimat in kawtela tal-kreditu tal-Bank esponent giet reza titolu ezekuttiv a tenur tal-artikolu 42 (2) tal-Kap. 234;

9. Illi fic-cirkostanzi il-Bank esponent ghandu interess li jenforza t-titolu ezekuttiv li ottjena billi jipprocedi ghall-bejgh tal-bastiment intimat, liema bejgh jkun approvat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 (Taqsima 1, Titolu VII sub titolu V – "Fuq il-Bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru");

10. Illi skont l-artikolu 358 tal-Kap. 12, dina l-Qorti ghandha s-setgha, fuq talba ta' kreditur li ghandu titolu ezekuttiv, tapprova l-bejgh privat ta' bastiment favur xerrej identifikat u versu l-hlas ta' prezz deteminat;

11. Illi a tenur tal-artikolu 359 tal-Kap. 12, il-Bank esponent qed jannetti ma' dan ir-rikors zewg stimi kif rikjest mill-ligi, wahda maghmula mill-Inginier Paul Cardona li jaghti stima ta' US$500,000.00, u cioe ekwivalenti skont ir-rata ta' kambju vigenti ghal Euro 377,298.66 (kopja annessa bhala Dok. A) u l-ohra maghmula mid-ditta ta' ICAP Shipping Limited, li taghti stima tal-bastiment intimat fis-somma ta' US$475,000.00

u cioe ekwivalenti skont ir-rata ta' kambu vigenti ghal Euro 358,433.73 (kopja annessa bhala Dok. B);

12. Illi l-Bank esponent ghandu offerta ghall-akkwist tal-imsemmi bastiment intimat minghand is-socjeta Irrawaddy Limited versu l-prezz ta' €550,000, kif jirrizulta minn Memorandum of Agreement datat 23 ta' Lulju 2013 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa (Dok. C);

13. Illi l-offerta in kwsitjoni teccedi l-valur tal-istimi prodotti;

14. Illi ai termini tal-artikolu 360 tal-Kap. 12, dan ir-rikors qed jigi notifikat ukoll lid-debitur u lir-Registartur tal-Bastimenti oltre l-kredituri li avvanzaw proceduri fil-konfront tal-bastiment intimat u li jistghu jkollhom interess f'dawn il-proceduri;

Ghalhekk il-Bank esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Tapprova l-bejgh privat tal-bastiment intimat "BLANKENESE" a favur tas-socjeta estera Irrawaddy Limited u dan versu l-prezz ta' €550,000.00 u taht il-pattjiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement tat-23 ta' Lulju 2013 u/jew taht kwalunkwe patt u kundizzjoni ohra li jidhrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-artikolu 358 tal-Kap. 12;

ii. Tahtar a tenur tal-art. 362 tal-Kap. 12 lill-Avukat Dr. David Gonzi jew fin-nuqqas tahtar persuna ohra li jkun awtorizzat jittrasferixxi l-bastiment intimat skond l-imsemmija pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement datat 23 ta' Lulju 2013 u/jew taht kull patt u kondizzjoni opportuna li jidhrilha xieraq dina l-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati fil-ligi inkluz l-artikolu 364 tal-Kap. 12;

iii. Taghti kull provvediment iehor opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghad-digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu rikors maghmul taht l-artikolu 358 tal-Kapitolu 12 li jaghti jedd lil Qorti li wara rikors tal-kreditur li ghandu titolu ezekuttiv tapprova l-bejgh privat ta' vapur favur xerrej identifikat bi hlas ta' prezz determinat.

L-ewwel element li jrid jigi sodisfatt ghalhekk hu l-kreditu u li fuq dan il-kreditu l-kreditur jgawdi titolu ezekuttiv.

Ir-rikorrent ghandu kreditu naxxenti minn kuntratt ta' self datat 12 ta' Gunju 2006 u deed of covenants tad-22 ta' Gunju 2006, kawtelat b'ipoteka navali fir-registru tal-bastiment intimat.

Id-debitur ma hallas xejn mill-ammont dovut u ghalhekk kien responsabbli ghal default skond l-imsemmija ftehim u fl-10 ta' Jannar 2013 sid il-bastiment gie notifikat bid-default u gie notifikat ulterjorment b'notice of acceleration fit-23 ta' Mejju 2013.

B'ittra ufficjali tat-8 ta' Lulju 2013 notifikata lil bastiment fid-9 ta' Lulju 2013 ir-rikorrent interpella lill-bastiment biex jithallas l-ammont dovut cioe €1,128,077.67 izda baqa' inadempjenti. Din l-ittra ufficjali saret ukoll a tenur tal-artikolu 42(4) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-kreditur biex isegwi l-procedura odjerna skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12 irid jispecifika s-somma dovuta permezz ta' ittra ufficjali notifikata lid-debitur ipotekarju sabiex jigi determinat l-ammont cert, likwidu u dovut in konnessjoni ma' esekuzzjoni ta' ipoteka navali.

Peress illi ipoteka navali hi titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 42(2) tal-Kap. 234, jidher ippruvat mid-dokumenti w intimazzjonijiet li saru illi r-r-rikorrenti ghandu kreditu li fuqu jgawdi titolu ezekuttiv.

Ir-rikorrenti qed jitlob li jigi awtorizzat ibiegh il-bastiment M.V. Blankenese proprjeta tad-debituri b'mod privat cioe mhux b'subbasta tal-Qorti. Ghal dan il-ghan hu esebixxa

fl-atti zewg stimi indipenenti tal-valur tal-bastiment cioe wahda tal-Inginier Paul Cardona u l-ohra tas-surveyor Daniel Grima u dan kif jitlob l-artikolu 359 tal-Kapitolu 12. L-ewwel stima hi ta' US$500,000.00, u cioe ekwivalenti skond ir-rata ta' kambju vigenti ghal €377,298.66, u l-ohra hi ta' US$400,000.00 u cioe ekwivalenti skond ir-rata ta' kambu vigenti ghal €300,642.12. L-istima ta' Daniel Grima saret wara l-verbal tal-Qorti fejn talbet lis-socjeta rikorrenti tipprezenta stima aktar dettaljata u akkurata minn dik tad-ditta ICAP Shipping Limited.

Ir-rikorrenti qed jitlob li jsir il-bejgh tal-bastiment lis-socjeta Irrawaddy Limited bil-valur ta' €550,000. Din l-offerta tissupera l-istimi indipendenti. Il-Qorti tqis li l-offerta hi vantagguza fic-cirkostanzi prezenti tal-qaghda finanzjarja dinjija.

Il-Qorti ma ssibx raguni ghalfejn dan il-bejgh ma ghandhux isir fit-termini tal- Memorandum of Agreement kif hu esebit fl-atti.

Jigi rilevat illi saret oppizizzjoni min FTO Bunkering Limited u OU Travelcom, socjetajiet kredituri esteri peress illi x-xerrej prospettiv hu azzjonist fis-socjeta intimata fis-sens li kkreja l-kumpanija kumpratrici prospettiva biex jakkwista l-vapur. Il-Qorti tqis li ma hemm xejn fil-ligi tal-kumpaniji li tipprojbixxi azzjonist milli jakkwista proprjeta tal-kumpanija li fiha kien azzjonist apparti li teknikament ix-xerrej prospettiv hi kumpanija u mhux l-azzjonist personalment. Gie dikjarat min dawn is-socjetajiet li l-azzjonist in kwistjoni hu wiehed minoritarju u illi jista jkun hemm dubju dwar il-buona fide tan-negozju. Apparti li kif intqal il-fatt li l-akkwirent hu biss azzjonist minoritarju mhux impediment ghal bejgh, il-mala fede trid tigi ppruvata. F'dan il-kaz, ma hemmx kontestazzjoni li s-socjeta rikorrenti hi kreditrici tas-socjeta intimata u qed tapplika l-ligi vigenti biex jigi sodisfatt il-kreditu taghha. In oltre jidher mill-atti li l-prezz tal-bejgh kien superjuri sew ghall-istimi tal-esperti esebiti fil-process u ma hemm xejn x'jindika lil Qorti li l-istimi mhumiex ragonevoli jew ghandu jkun hemm xi dubju dwarhom u ghalhekk il-Qorti qed

tiskarta l-oggezzjonijiet tal-kredituri FTO Bunkering Limited u OU Travelcom bhala infondati fic-cirkostanzi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment M.V. Blankenese bil-prezz ta' €550,000 skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 23 ta' Lulju 2013, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12.

Ghal fini tat-tieni talba tahtar lil avukat Dr. David Gonzi sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-bastiment skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tat-23 ta' Lulju 2013, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------